MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2009

Numru 718/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**vs**

**Andre’ Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Andre’ Agius 32 sena bin Carmelo u Mary Grace nee’ Baldacchino mwieled fl-Mtarfa fit-13 ta’ Awwissu 1976 u li joqghod fil-fond ‘Cortis Building’ Flat 2 Triq Pierre Muscat Rabat Malta. Detentur tal-karta tal-Identita’ bin-bumru 386076(M).

Billi gie akkuzat talli fit-2 ta’ Gunju 2009 ghall-habta ta’ l-10.49 ta’ filghaxija f’dawn il-Gzejjer, permezz ta’ xi

network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded lil Joseph Gafa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, talli b'din l-imgieba tieghu ikkaguna lil Joseph Gafa, jibza' li se tintuza vjolenza kontra tieghu meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lill-istess Joseph Gafa hekk jibza'.

Barra minn dan il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex flimkien mal-piena torbot lill-imsemmi Andre' Agius b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li l-istess imputat skuza ruhu, seduta stante, mal-parte civile Joseph Gafa' presenti fl-Awla dwar l-akkadut.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Joseph Gafa' presenti fl-Awla iddikjara li qieghed jaccetta l-iskuza maghmula mill-imputat u inoltre iddikjara li qieghed jahfer lill-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 35A tal-Kap. 399 u l-artikoli 17 u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Andre’ Agius, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fatt li l-imputat skuza ruhu, seduta stante, mal-parte civile Joseph Gafa’ presenti fl-Awla dwar l-akkadut u dak dikjarat mill-parte civile Joseph Gafa’ u kif ukoll dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportati aktar qabel f’din is-Sentenza tillibera lill-istess imputat Andre’ Agius taht il-Provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Andre’ Agius b’obbligazzjoni personali ta’ elfejn Euro (Euro 2,000) li jzomm il-kwiet ma’ Joseph Gafa’ ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Andre’ Agius l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------